

# Kaċċa u nsib fis-Siġġiewi tal-imgħoddi



**minn Nicholas Vassallo**
*D.Litt*

Il-kaċċa, għall-bniedem, minn dejjem kienet passatemp u bżonn fl-istess ħin għalkemm wieħed jista' jgħid li minn ħamsin sena 'l hawn ma baqgħetx aktar bżonn, tal-inqas hawn Malta. F'artijiet barranin bħal Franza u Spanja nstabu mpinġijin figuri u xeni tal-kaċċa li jeħduna lura eluf ta' snin.

Fiż-żminijiet imbiegħda għall-kaċċa kienu jħobbu jinqdew bl-isqra u kien hemm falkunieri mħarrġa apposta. M'hemmx għalfejn ngħidu, maż-żmien inbidlu l-mezzi u d-drawwiet ukoll, flok in-nases bdew jintużaw il-vleġeġ u l-armi tan-nar. Barra minn hekk, il-bniedem beda jrabbi t-tjur u l-bhejjem u għalhekk il-ħtiega tal-kaċċa naqset, speċjalment għal min ma jkunx fil-bżonn.

Fl-imgħoddi l-bidwi kien jaħdem oqsma ta' ħafna tmiem ta' raba. Iżda mhux dejjem hu kien is-sid tagħhom għax ħafna drabi l-art kienet tal-Knisja jew tas-sinjuri u hu kien ikun biss il-gabillott. In-nobbli u s-sinjuri, fis-seklu Sbatax u Tmintax, kienu jqabblu r-raba' tagħhom lil min joffri l-aktar u fil-kuntratt dejjem kienu jżommu l-patt li l-bidwi, mad-dawra tal-ħitan irid iħalli passaġġ mhux maħdum ta' bejn erba' u ħames piedi biex is-sidien jgħaddu bla tfixkil meta jfettlilhom; għax dak iż-żmien il-kaċċa kienet għalihom mod kif jgħaddu ż-żmien ma' oħrajn tal-klassi tagħhom.

Il-palazzi kbar ta' villeġġjatura, bħal ta' Fiefu (Triq il-Kbira), ta' Bologna (il-Pjazza, fejn hemm il-Kunsill) u oħrajn fi Triq Santa Margerita kif ukoll il-Palazz tal-Inkwiżitur fl-Għajn il-Kbira nbnew l-aktar biex fihom is-sinjuri jiġu jqattgħu hawn, ftit jiem ta' divertiment aktar milli ta' mistrieħ. Kienu jġibu magħhom ġemgħa kbira ta' qaddejja: sal-kok, il-kuċċier, il-parrukkieri, il-mużiċisti u l-kappillan tagħhom.

Imbagħad fi żmien is-summien, meta jidhrilhom, jerħulha bil-kaless ma' ħbiebhom għall-kaċċa. Sa madwar mitejn sena ilu ħadd għajr l-aristokratiċi u l-kavallieri ma seta' jkollu armi tan-nar anzi kien hemm żmien meta huma biss setgħu jieklu laħam taċ-ċanga. In-nies komuni kienu jrabbu xi tjur, l-aktar tiġieġ u ħamiem u kienu jaqbdu xi tajr jew fniek bix-xbiek.

Għan-nies komuni, il-kaċċa għall-fniek kienet l-orħos u l-aħjar mezz kif jiddobbaw xi ħaga tal-laħam x'jieklu. In-naħa ta' San Niklaw, lejn il-Bajjada, fix-xagħri u f'ħafna nħawi oħra ta' Malta kienu jonsbu għall-fniek billi jitilqu n-nemes ġot-toqba tal-bejta waqt li jifirxu x-xbiek bil-malji ħoxnin jew ipoġġu n-nases fuq it-toqob l-oħrajn.

B'hekk il-fenek, biex jiżgiċċa min-nemes, jinqabad fix-xibka jew fin-nassa. Iżda, fis-seklu tmintax, il-fniek slavaġ tant kienu naqsu minħabba l-kaċċa li l-Gran Mastru Ximenes fl-1773 ordna li ħadd iżjed ma seta' jonsob għalihom.

Wara l-ħakma qasira ta' Napuljun (1798-1800) il-Maltin bdew jissieħbu fir-riġmenti



Mil-lemin: L-aħwa Gejtan u Ċikku Vassallo, Tal-Fieres, flimkien ma' Ta' Serafin u oħrajn għall-kaċċa lejn Il-Magħlaq fis-Snin Tletin.

Ingliżi, kibret fihom ix-xewqa li jakkwistaw xi xkubetta għall-kaċċa u reġgħet ħadet spinta l-kaċċa tal-fniek. Imma l-kaċċa bin-nemes baqgħet aktar popolari għax fiha namra ferm aktar qawwija: biex il-fenek jinqabad ħaj trid titħabat. Bla ma trid qisek timpika mal-oġġett, ma' sħabek u miegħek innifsek biex turi ħiltek. Dak hu s-seħer! Min qatt ma pprova ma jistax jifhem. Niftakar fi tfuliti ġgajtiet ta' xi ħamest jew sebat iħbieb joħorġu għall-fniek fl-iljieli sajfin għad-dawl ta' qamar.

Trid tarahom wieħed minnhom bin-nemes f'qoffa mdendla bl-għatu wara dahru u oħrajn min bix-xbiek imremblin sorra minn fuq spalltu l-leminija għal taħt għabtu tax-xellug, u min iżomm il-klieb tal-fenek jew bis-senter fi ħdanu. Il-fenek, malli jxomm il-klieb, b'ħeffa jlebbet mnejn ikun lejn il-moħba; għalhekk l-fenkunieri jitilqulu l-klieb għal warajh.

Il-kaċċa għat-tajr kien fiha seħer ukoll, mhux inqas minn tal-fniek l-aktar meta f'Settembru jew fil-bidu tar-rebbiegħa jpassi s-summien. Missieri kien jgħidli li meta kien ġuvnott hu, fis-snin Għoxrin, kien hemm drabi meta saħansitra rnexxielu jaqbad minnhom b'idejh, minn ġos-siġar tat-tadam, tant kien jiġi summien. L-għaxqa tagħhom kienet, hu u ħutu Gejtan, Ċikku u Ninu, filgħodu kmieni qabel is-sebħ bl-ixkubetta fuq spallejhom u x-xbiek, iduru l-kosta kollha fl-inħawi ta' San Niklaw tal-Merħla, mill-Ħofor sa Ħaġar Qim u l-gżira t'Għar Lapsi.

Għall-Ħdud u l-festi kienu jorqdu minn filgħaxija fir-razzett tagħhom il-Magħlaq biex fl-erbgħa ta' filgħodu jbakkru għall-quddiesa fil-kappella ta' San Niklaw, armati bl-ixkubetti u bil-klieb magħhom. Iz-ziju Ċikku kien kaċċatur prim; tant kien akkanit li fil-Magħqad qrib il-Ħofor kien anke ħaffer ġol-ħamrija biex wara x-xita l-ilma jżomm għadira u b'hekk minn ġo nofsha jkun jista' jgħasses għall-pluvieri.

Kellu ħila kbira biex jagħmel is-sfafar kemm tal-pluvieri kif ukoll tas-summien u kien magħruf sewwa ma' nies minn barra r-Raħal ukoll. Fost l-oħrajn kienu jiġu jfittxuh nies minn Ħ'Attard, kunjomhom Zahra, arloġġiera magħrufin li kellhom il-ħanut tagħhom maġenb it-Teatru Rjal, il-Belt, sidien ta' waħda mill-ewwel karozzi Ford A Model tas-Snin Għoxrin.

Ġużeppi Bonnici ma' ħabibu: meta qabdu ċikonja, snin '50.



Iżda mbagħad skont missieri, f'affari ta' ftit snin, il-passa naqset ħafna mingħajr ma' setgħu jobsru kif u għaliex. Illum nifhem li aktarx kien minħabba li bejn l-1924 u l-1930 Mussolini ġiegħel li jkunu kkultivati meded kbar ta' art żdingata lejn Ruma u b'hekk is-summien ittiħidlu l-post fejn kien ibejjet. Madankollu, xorta ġew snin meta kien hawn passa qawwija ta' summien.

Niftakar fl-4 t'Ottubru 1951, wara maltemp qawwi fl-Italja, in-naħiet ta' Ta' Kandja, Tas-Salvatur, Bur ix-Xewk, l-Għaqba u l-Aqwas, l-għelieqi kienu miżgħudin bis-summien; kulħadd jiftaħar kemm qabad. Ħija Ġanni minkejja li kien għadu taħt l-età qabad aktar minn tużżana bi xkubetta żgħira. Ta' min isemmi li biex tispara bl-ixkubetta ma kinetx ħaġa ħafifa. Il-kaċċatur, wara li jnaddaf il-kanna u jitfa' l-porvli ġo fiha skont il-kejl, irid ideffes l-istoppa u jippressaha bil-virga. Imbagħad jitfa' ċ-ċomb, idaħħal ftit stoppa oħra u jippressa kollox mill-ġdid. Għalhekk, sa ma jikkargaha, jitlef il-ħin u t-tajra tilħaq togħsfor!

Imma, minbarra l-kaċċa tas-summien, hemm ukoll tajr ieħor bħall-alwett, il-gamiem, il-kuċċard u t-tajr kollu tal-priża li fl-imgħoddi kien il-mira ta' bosta kaċċaturi Siġġiwin.

Dak iż-żmien, qed insemmu s-snin Ħamsin jew bidu tas-Sittinijiet, ħafna minn dan it-tajr ma kienx protett. Fuq ix-xifer tal-Fulija u lejn il-Ħmieri, hekk kif tgħaddi Santa Marija, kont tara bosta kaċċaturi bis-snieter f'idejhom jgħarrxu għal xi kuċċarda dieħla tissiefaħ minn fuq il-Buskett.

Għall-ewwel bdew jidhru s-snieter taż-



Pawlu Vassallo – Taz-Zozz, (lemin) fost ir-rebbieħa – sparatura tal-5 t'Awwissu 1968.

żewġ, imbagħad daħlu oħrajn t'erba' skratać u ta' b'ħamsa wkoll. F'Settembru konna nisimgħu musketterija sħiħa. Mhux l-ewwel darba li nqalgħet ukoll xi tilwima bejn żewġ kaċċaturi għax it-tnejn isostnu li dik it-tajra waqqgħuha huma.

Biss, fil-fehma ta' missirijietna, għal dik li hi namra m'hemm xejn li jisboq lill-insib. L-ewwel nett it-tajra tinqabad ħajja, tħoss it-taħbit tal-qalb tiegħek u tagħha. Missieri meta kiber ma fittixx aktar il-kaċċa iżda jekk kien jisma' *summiena tfaqqa'* kien jisseħħer biex, kif kien jgħid, "*jgħattiha bix-xibka*". Mhix ħaġa ħafifa li "*tressaqha*" għal ġox-xibka, għandha mnejn titgerrex u jekk ittirlek rari taqbadha mbagħad. Trid tkun imħarreġ minn tfulitek.

Niftakar missieri u z-zijiet dejjem kien ikollhom xi summiena jew tnejn, kull waħda f'gaġġa għaliha bis-saqaf tagħha tal-inċirata biex is-summiena, jekk togħla biex ittir, ma tisloħx rasha. U l-hena tagħhom, imbagħad, xħin jisimgħuha tfaqqa' (kif tissejjaħ it-tisfira jew aħjar l-għajta tagħha). It-tfal, mill-banda l-oħra, fil-ħarifa kienu jiġġennu għall-pitirrossi, fi tmiem il-ġimgħa kollha jduru fil-widien u qalb ir-raba bit-trabokk taħt drieghhom mgħotti b'xi ċurniena jew biċċa drapp.

Fost l-aqwa kaċċaturi Siġġiwin kellna lil Tal-Qawwi, Tal-Fieres, Taz-Zozz, Ta' Kanġu, u ħafna u ħafna oħrajn. Il-kaċċa kienet tqanqal ukoll ċertu kummerċ: fi Triq il-Kbira, erba' passi bogħod mis-Sorijiet, Ta' Rixu fetaħ ħanut apposta għalhekk. Kont issiblu minn kollox: skratać u takki għalihom, kapsijiet, ċomb ta' ħafna daqsijiet, sfafar ta' kull tip, kollox merfugħ bl-ordni ġol-vetrini jew fil-kxaxen. Aħna, ta' tfal li konna, arana nġemmgħu xi tliet soldi għal suffara tal-pitirrossi jew tal-alwett.

Il-Pjazza flok il-Każin, kien hemm Pietru Pawl, magħruf għat-tiswija tal-armi. Imbagħad bdew deħlin il-kompetizzjonijiet tal-isparar fuq il-plattini. Is-Siġġiwin kont issibhom minn ta' quddiem għax bosta minnhom kienu mħarrġin fl-isparar sa minn ċkunithom: fosthom kien hemm l-aħwa Anġlu u Pawlu Vassallo – Taz-Zozz.

Kien żmien ieħor, konna naħsbu li, għax it-tajra ġiet minn rajha, allura kulħadd jista' jagħmel biha li jrid. Illum sirna nifmuha mod ieħor, hija patrimonju tal-istat, patrimonju komuni u għalhekk ħadd ma jista' jaqbadha għax b'hekk ikun qiegħed jagħmel ħsara mhux biss lit-tajra iżda lis-soċjetà kollha u lill-ambjent tagħna. Naħseb li tagħmel sens li, la darba hija parti mill-ambjent li ngħixu fih, titgawda minn kulħadd.

Hajr għar-ritratti: Joe Vassallo (il-kuġin), Joe Bonnici, Pawlu Vassallo.

J & B Aluminium Works Ltd
Mdina Road, Żebbuġ ŻBĠ 06
Tel / Fax: 2146 8366
Mob: 9944 0946
For Aluminium & Iron Work at moderate prices
www.YellowPagesMalta.com/jbworks/
